MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1218/1994/2

**Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala rappresentatrici tad-ditta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Sammut**
**vs**
**Brian Mizzi u Ian Mizzi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' The General Soft Drinks Company Limited u Moses Debono**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: Peress illi fl-24 ta' Awissu 1993 ghal habta ta' 4:00pm waqt li Christine Sammut kienet qed isuq il-vettura Daihatsu numru W-0289 propjeta ta' missiera, Joseph Sammut, u hija kienet miexja wara t-truck tal-Coca Cola numru G-5329, liema truck huwa propjieta tas-

socjeta konvenuta u li kien dak il-hin misjuq minn Moses Debono, u dana f'Triq Wettinger, Mellieha, hija sfat involuta f'incident tat-traffiku meta f'daqqa wahda minn fuq it-truck li kif intqal, kien quddiema taret bicca kartuna kbira u din habtet mall-windscreen taghha, bir-rizultat li hija tilfet il-kontrol tal-vettura taghha u habtet go hajt.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident li gara unikament tort, negligenza u htija tal-konvenuti jew minn minnhom, il-vettura ta' Joseph Sammut garbet hsarat konsiderevoli, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi l-attur nomina abbazzi tal-Polza ta' Assikurazzjoni "Comprehensive" li ghandhu mall-assikurat tieghu, Joseph Sammut, u billi saret claim, ikkompensah tal-hsarat li dana sofra fl-istess vettura, u ghalhekk huwa surrogat fid-drittijiet tieghu abazzi tal-assikurazzjoni u tal-ligi.

Peress illi meta l-konvenuti gew mitluba jikkompensaw lill-attur nomine dawn ma' ghamel assolutament xejn.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti ma' ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-kjonvenuti jew minn minnhom responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta' Awissu 1993 fil-limiti tal-Mellieha li fih kienet involuta l-vettura numru W-0289 u ghad-danni konsegwenzali li sofra l-istanti.
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' hames mija u tminja u tmenin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi (LM. 585.45,0) jew somma ohra verjuri, jekk hemm bzonn bl-opra tal-periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom jhallsu lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' ittra Ufficjali datata 20 ta' Dicembru 1993 kontra l-konvenuti li jibqaw minn issa

ingunti ghas-subizjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut Moses Debono li permezz taghha eccepixxa: Illi fl-ewwel lok l-attur nomine jrid igib prova tar-rapprezentanza tieghu tas-socjeta' Gasan Insurance Agency Limited kif ukoll tas-surroga li s-socjeta' General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc ghandha ghad-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Sammut; Illi bla pregudizzju ghall-premess il-konvenut huwa indikat hazin fic-citazzjoni peress li ismu huwa Moses u mhux Mario; Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u illi l-konvenut mhux responsabbli ghal ebda hsara li allegatament sofra l-assikurat fl-incident li qieghed jghid li sehh fl-24 ta' Awissu 1993; Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti Brian Mizzi u Ian Mizzi li permezz taghha eccepew: Illi fl-ewwel lok l-attur nomine jrid igib prova tar-rapprezentanza tieghu tas-socjeta' Gasan Insurance Agency kif ukoll tas-surroga li s-socjeta' General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc ghandha ghad-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Sammut; Illi bla pregudizzju ghall-premess huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-incident 'de quo'; illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u illi l-konvenuti m'humiex responsabbli ghal ebda hsara li allegatament sofra l-assikurat fl-incident li qieghed jghid li sehh fl-24 ta' Awissu 1993. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr.Joseph Zammit McKeon minnu mahlufa fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2003;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi dan il-kaz jittratta dwar incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Awissu 1993 ghal habta tal-4.30 pm meta Christine Sammut kienet ghaddejja minn go Triq Wettinger il-Mellieha. Sammut spejgat li hekk kif hija kienet qed issuq wara truck tal-Coca Cola, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u misjuq mill-konvenut Moses Debono, taret kartuna minn fuq in-naha ta' wara tat-truck u ghattiet il-viswali tal-attrici bir-rizultat li dina tilfet il-kontroll tal-vettura, skidjat u baqghet diehla go hajt, u l-vettura ta' Sammut Daihatsu W0289 garrbet hsara li kienet tehtieg spiza ta' Lm577.45. Fil-karrozza maghha, fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem, kien hemm il-habiba taghha Lorraine Mizzi.

Minn naha tieghu, il-konvenut Moses Debono li kien qed isuq it-truck baqa' ghaddej u ghalhekk Sammut baqghet issegwih u meta lahqitu insistiet mieghu li l-incident li sofriet kien dovut ghal kartuna li taret minn fuq it-truck misjuq minnu.

Fix-xhieda taghha hija sostniet li meta kkonfrontatu b' dan il-fatt il-konvenut Debono ammetta li kienet taret kartuna u li kienet laqtita; izda lis-surgent Mario Cassar, l-konvenut Debono qallu li sa fejn jaf hu ma waqa' xejn minn fuq it-truck tieghu.

Illi Christine Sammut spjegat d-dinamika tal-incident b' dan il-mod: "f' daqqa wahda taret bicca kartuna [mit-truck misjuq minn Debono], li jien inqis li kienet <u>piuttost kbira</u> u dina habtet mal-windscreen tal-vettura li kont qed insuq u <u>ghattietli l-viswali tieghi</u>[1]…. Gara allura li milli <u>ma stajt nara xejn quddiemi</u> ghafast il-brake, bdejt niswervja u spiccajt imkahhla ma' hajt…… jiena tlift il-kontroll tal-karrozza ghax ma bqajtx nara xejn izjed… il-kartuna x' hin jien dhalt fil-hajt taret u ma sibnihex aktar".[2]

---

[1] Fol.28
[2] Fol.29 – sottolinear tal-Qorti

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti esaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u wara debita riflessjoni fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-partijiet hija tal-fehma li ghandha tghati affidament ghall-versjoni tas-sewwieqa Sammut, u tabbraccja *in toto* il-konkluzjonijiet raggjunti mill-Perit Legali.

In tema legali in materja ta' prova jigi osservat li, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[3] Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili

Fil-meritu l-Qorti taghmel referenza ghal-kontenut tar-rapport peritali u taddottah fl-intier tieghu. Huma pero' opportuni s-segwenti osservazzjonijiet;

Illi fil-fehma tal-Qorti il-komportament tal-attrici *a tempo vergine* u immedjatament wara l-incident u l-mod perseveranti kif hija kompliet issegwi t-truck misjuq mill-konvenut huwa fattur predominanti li jghati kredibilita' qawwija lit-tesi taghha. Inoltre, l-versjoni moghtija minnha hija verosimili u tissodisfa l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili.

Illi, ghalkemm huwa minnu li Lorraine Mizzi hija xhud estranea ghad-dinamika tal-incident u dikjarata bhala habiba tal-attrici, dan ma jfissirx li d-deposizzjoni taghha ghandha titqies bhala kredibbli awtomatikament. Anzi f' dan ir-rigward, minn ezami akkurata tad-deposizzjoni moghtija minnha fis-16 ta' Mejju 1997 l-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar il-veracita' ta' dak li xehedet u precisament "Jien ma nafx ghala tilfet il-kontroll. Ma rajt xejn jigri. Meta tilfet il-kontroll ma niftakarx fejn kont qed inhares ……… Naf li Christine semmietli kartuna u xi haga dwar x' kien gara..".[4] Din il-parti tax-xhieda taghha hija insodisfacenti, partikolarment in vista tal-fatt li hija kienet

[3] *App.Civ.* ***Paul Vassallo et vs Carmelo Pace****[1986] Vol.LXX.II.144*
[4] Deposizzjoni 16 Mejju 1997 Fol.128

bil-qieghda fuq is-seat tal-passiggier ta’ quddiem; u hija wkoll inkonsistenti ma dak li kienet qalet lil Ps.Mario Cassar li kien investiga l-kaz. Dan fix-xhieda tieghu qal: “Sammut kellha maghha passiggier jisimha Lorraine Mizzi li kkonfermat il-versjoni moghtija minn Sammut”[5]

Il-Qorti tosserva li ma hemmx dubju li l-kawza prossima u immedjata tal-incident li sofriet Christine Sammut kienet il-kartuna li taret minn fuq it-truck misjuq mill-konvenut Moses Debono u li kkagunat “emergenza subitanea fuq l-attrici li ma kienitx afflitta minn xi negligenza antecedenti da parti taghha. Huwa naturali li f’ sitwazzjoni bhal dik li sabet ruhha fiha Sammut tirreagixxi skond l-istint u ma hemmx wiehed x’ jiccensura fil-kondotta taghha fit-triq”

Minn naha tieghu l-konvenut Moses Debono, bhala “xufier ta’ vettura b’ tghabija fil-karrozza kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li l-oggetti jkunu marbuta sewwa u li ebda oggetti ragjonevolment ma jaqghu mit-truck b’ riskju jew perikolu ghal utenti ohra tat-triq”[6] “As a driver you must secure your load..”[7]

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li r-responsabilita’ civili ghall-incident de quo tirrisjedi unikament fuq il-konvenut Moses Debono, u s-socjeta’ konvenuta Soft Drinks Company Limited, in mankanza ta’ prova ta’ *culpa in eligendo* [liema prova kienet tinkombi fuq l-attrici li istitwiet il-proceduri odjerni kontra taghha] u tenut kont li hija kienet estranea ghall-incident *ut sic*, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju a spejjez tal-attrici.

Illi rigward il-likwidazzjoni tad-danni jigi osservat li ma kien hemm ebda kontestazzjoni in propositu, u inoltre gew prodotti dokumenti in sostenn tal-ammont ta’ Lm585.45 pretizi mill-attrici. Ghalhekk il-likwidazzjoni tad-danni ghandha ssir f’ dan l-ammont.

---

[5] Fol.122
[6] Relazzjoni fol.108
[7] Highway Code para.108

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi: tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici; tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Moses Debono u tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni, u tillikwida d-danni konsegwenzjali fl-ammont ta’ hames mija hamsa u tmenin lira maltin u hamsa u erbghin centezmu [Lm585.45] u tikkundana lill-istess konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici din is-somma flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni, bl-ispejjez kif mitluba a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------